**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 039/2017**

**SD (l-ilmentatur)**

**vs**

***AIG Montaldo Insurance Agency Ltd.***

**(C 1052) (il-provditur tas-servizz/**

**kumpanija assikuratrici)**

**Seduta tal-15 ta' Jannar 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur jghid li kien dahallu ammont sostanzjali ta' ilma fil-*garage* tieghu u saritlu hsara f'hafna *auto parts*.

Jghid li l-'*insurance tieghi kienet floating fuq l-istock u kienet tammonta ghal €400,000. Dan huwa maghmul minn stock li ghandi f'diversi garages f'diversi rhula f'Malta'.*

Huwa talab minghand l-*insurance* is-somma ta' €22,472.55, u mhux is-somma li offrewlu li kienet tammonta ghal €5,878.00. Illi peress li l-i*stock* kien *floating* hu ghandu jithallas l-ammont li tilef, jigifieri, dak ta' €22,472.55.

**Il-Kumpanija assikuratrici essenzjalment wiegbet illi:**

1. L-assikurat kellu l-obbligu li jhares il-proprjetà tieghu b'diligenza u, peress li l-ilma kien ilu diehel minghand il-gar tieghu ghal tliet snin, din il-problema ma gietx solvuta u minkejja dan l-assikurat baqa' jzomm il-merkanzija fih;

2. Illi skont l-istess polza ta' assikurazzjoni taht '*Exclusions in respect of Material Damage'* u, aktar preciz, klawsola Nru. 3 (h) (pagna 10 tal-polza), hu kellu jzomm il-merkanzija tieghu 'on *racks*, *shelves, pallets and/or stillage at least six inches above floor level'*;

3. Illi minkejja li l-kumpanija assikuratrici ma kellhiex l-obbligu li tmexxi l-*claim*, ghazlet li tkompli bl-ipprocessar tal-*claim* u l-kumpanija assikuratrici ghalhekk qed tikkontesta biss l-ammont pretiz.

4. Illi f'dan ir-rigward saret referenza ghall-'*Endorsement*' li tinsab f'pagna 43 tal-polza fejn jintqal hekk:

   '*It is hereby understood and agreed that stock value insured under item No. 3 (a) of the specification attaching to and forming part of the within written policy is to be considered on a floating basis between the premises as specified in the relative section. It is further understood and agreed that the maximum value of stock at any one time in any one premises is as follows:*

| | |
|---|---|
| *(i) 129/130 Valley Road, Msida* | *€350,000* |
| *(ii) 84 Valley Road, Msida* | *€10,000* |
| *(iii) Garage underlying "Canadian House", Triq tal-Mahznier, Luqa* | *€5,000* |
| *(iv) "Nipparts" 70 Paola Hill, Paola* | *€100,000* |

   Illi ghalhekk il-massimu ta' danni li jista' jigi reklamat mill-assigurat ghall-merkanzija li tkun mizmuma fi-fond (iii) u, cioè, *Garage underlying 'XXX'*, Triq XXXX, Luqa, huwa ta' €5,000.

5. Illi ghalkemm l-assigurat jibbaza l-ilment tieghu fuq il-kliem '*floating basis*' u, globalment, kien inxurjat ghas-somma ta' €400,000 (*sum insured*), il-polza kjarament tillimita l-ammont tal-valur tal-merkanzija li tkun koperta f'kull fond partikolari u l-ispecifiku jirbah fuq il-generali.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

Il-kwistjoni li hemm bejn il-partijiet m'hijiex jekk il-kumpanija assikuratrici ghandhiex thallas tal-hsarat li garrab l-ilmentatur fl-i*stock* li kellu Hal Luqa, izda kemm. Il-kwistjoni ghall-ilmentatur hi li hu kien inxurja l-i*stock* kollu ghall-valur ta' €400,000 minghajr limitu f'kull post fejn kellu l-i*stock*.

Huwa xehed illi kien wara li sehh l-incident li kien infurmat li hu kien kopert sa massimu ta' €5,000 fuq l-i*stock* li kellu fil-*garage* sottopost ghall-fond '*Canadian House'* f'Hal Luqa li hu l-mertu ta' dan l-ilment. Izid li hu kien kellem lill-*broker* li kellu, li kien jismu Lawrence, li wieghedu li kien ser ikellem lil ta' *Montaldo Insurance:*

'*Jien kont ghidtlu li kif jiena kelli din il-hsara kollha u kienu ha jtuni biss hamest elef ewro (€5,000) u hu kien qalli li ha jkellimhom huwa. Wara ftit zmien Laurence kien semma' din il-bicca xoghol tal-floating. Hu kien qalli li jiena fuq Hal Luqa inxurjajt biss hamest elef ewro (€5,000) u ghalhekk Montaldo ried itini biss hamest elef (5,000)'.*[1]

Minkejja li kien kellem lill-*insurance* direttament dawn baqghu jinsistu li fuq Hal Luqa l-i*stock* inxurjat kien biss dak ta' €5,000.

Ghall-ilmentatur xehed ukoll RR, li kien espert fil-qasam tal-assikurazzjoni, u jaf il-fatti skont kif irrakkontahomlu l-ilmentatur u ta biss l-'*opinjoni*' tieghu dwar x'kien jahseb li tfisser polza '*on a floating basis'*.

Ghall-provditur tas-servizz xehed, fost l-ohrajn, FF[2] li qal li fl-2009, il-polza tal-assikurazzjoni li kellu l-ilmentatur kienet qed tigi *revisited* u kien hu li mar jigbor il-*proposal form* minghand l-ilmentatur mill-*premises* tieghu f'*Valley Road*, L-Imsida:

'*Il-proposal form imlejtha quddiem SD u bl-ammonti li hu stess tani u skont kif kienu dakinhar. Il-'proposal form' giet iffirmata minn SD.*

[1] *A fol. 118*
[2] *A fol. 123*

*Effettivament il-polza ta' assikurazzjoni minn Exclusive Business Cover inqalbet ghall-Business Guard Small Business Solution - li kienet il-polza aktar recenti li s-socjetà AIG kienu qed juzaw.*

*Ahna konna nitolbu massimu (maximum amount) ta' stock f'kull garage, mahzen jew hanut separat. Skont il-figura li kien tana SD* kien hemm €3,000 fil-garaxx taht ir-residenza tieghu f'Hal Luqa u li jista' jizdied sa mhux aktar minn €5,000.

*Minn dak iz-zmien 'l hawn, SD qatt ma indikali li ried ivarja l-valuri tal-istock.'*

Izid jghid li:

*'Jien mill-bidu nett kont spjegajt lil SD li jekk kemm-il darba kien ikun ser jeccedi dawn il-figuri massimi ta' valur ta' stock hu, SD, kellu immedjatament jinfurmana dwar dan u ahna konna naghmlu l-aggustamenti relattivi fil-polza u fil-premium'*.[3]

BB, ghall-provditur tas-servizz, xehed[4] li hu kellu diversi okkazjonijiet fejn iltaqa' ma' SD in konnessjoni mal-polza tal-assikurazzjoni li kellu maghhom:

'*Dwar din il-polza u partikolarment dwar il-valuri ta' merkanzija ahna tlabna lil SD jindika l-valur li kien ser ikollu f'kull hanut, mahzen u garage, kont spjegajtlu illi huwa ma setax jeccedi l-valuri indikati bhala massimi li huwa stess kien indika.*

*Jien kont infurmajt lil SD li hu ma jkunx kopert ghall-valuri jew ammonti li jkun jeccedu l-valuri indikati u registrati maghna fil-polza. Insistejt mieghu li jekk kien jaf li ser jeccedi dawn il-valuri kellu jinfurmana dwar dan biex inkunu nistghu naggustaw kemm il-polza u naturalment ukoll il-premium relattiv.*

*Dwar l-ammont ta' valuri jien kont spjegajt lil SD li hu seta' jcaqlaq il-merkanzija minn post ghall-iehor u hawn irreferejtu ghall-'floating stock' b'enfasi li basta dawn ma jeccedux il-massimu u l-limitu indikat fil-polza'.*[5]

## Il-Polza mertu tal-Kaz

Il-polza li kien xtara l-ilmentatur kienet intestata *Business Guard - Small Business Solutions, Policy Number: 8721 700 001.* Din il-polza kienet tkopri diversi riskji

[3] *Ibid.*
[4] *A fol. 120*
[5] *Ibid.*

imma r-riskji relevanti ghall-kaz odjern huma dawk relatati mal-assikurazzjoni tal-i*stock* ta' *parts* ta' karrozzi li jbiegh l-ilmentatur.

Fix-*Schedule*, li hija parti integrali minn din il-polza, taht '*Sums Insured/Limits of Liability'* hemm: '*As detailed in the attached specifications which are deemed to form part of this Schedule'.*

Imbaghad, a *fol. 150,* hemm l-*Endorsement* relevanti li tispecifika l-i*stock* kopert.

Din l-*Endorsement* indikata bhala '*Stock - floating basis'* tghid:

*'It is hereby understood and agreed that the Stock value insured under item No 3 (a) of the Specification attaching to and forming part of the within written policy is to be considered on a floating basis between the premises as specified in the relative section.*

*It is further understood and agreed that the maximum value of stock at any one time in any premises is as follows: ...'*

L-istess *Endorsement* tispecifika li l-massimu tal-valur tal-i*stock* li kellu jinzamm fil-fond "*Garage underlying 'XXX'*, *Triq XXXX, Luqa"* kien ta' €5,000.

Min-naha tieghu, l-ilmentatur jghid li ma kienx gie spjegat lilu dwar dan kollu imma hu kien insista li jkun *covered 'full'*.

L-Arbitru mhux konvint li lill-ilmentatur hadd ma spjegalu xejn. Fil-fatt, waqt il-kontroezami, hu stess qal li kienu qalulu:

'*Ghal ta' Hal Luqa qalli li kull ma jrid hu l-address fejn qieghed u qalli: "Ejja naghmluh €5,000 biex inkunu nafu fejn qieghed ix-xoghol." Nghid li ta' Hal Luqa hu garaxx taht id-dar tieghi.'*[6]

Dan juri li l-ammonti kienu qed jissemmew u mhux kif xehed f'waqtiet ohra l-ilmentatur fejn qal li lill-*brokers* tahom ic-*cheque*, iffirma u daqshekk. Huwa minnu li l-ilmentatur seta' ma fehemx id-dettalji kollha, u anke certi dicitura tal-polza kollha, izda l-Arbitru mhux konvint li lilu ma spjegawlu xejn ghal dawk li kienu valuri tal-merkanzija mahzuna f'diversi lokalitajiet li kellu. Dan seta' jifhmu facilment .

[6] *A fol. 154*

Filwaqt li l-Arbitru ma jemminx li l-*brokers* tawh id-dettalji kollha li jsemmu, fosthom, li BB kien qallu li la kien diehel l-ilma ma kienx kopert bil-polza, però, jemmen li dwar il-valuri fid-diversi *garages* il-*brokers* kienu tkellmu mal-ilmentatur, u l-Arbitru ma jahsibx li dawn il-figuri ivvintawhom minn zniedhom. Ghalhekk, f'dan ir-rigward, il-verzjoni ta' FF u BB hija aktar kredibbli.

**Konsiderazzjonijiet ohra u Konkluzjoni**

Kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna, il-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa, qabel xejn, ibbazat fuq il-principju ewlieni ta' *uberrima fides* u z-zewg partijiet iridu jittrattaw lil xulxin b''*utmost good faith'*.

Il-punt kardinali ta' dan it-tip ta' kuntratt huwa li, filwaqt li l-assikurat ihallas il-*premium* miftiehem, ikun kopert ghal dawk ir-riskji li ssemmi l-polza ta' assikurazzjoni. Huwa wkoll stabbilit li jekk isehhu r-riskji koperti, l-*insurance* trid thallas lill-assikurat ghar-riskji koperti. Il-*premium* imhallas ikun jirrifletti r-riskji li tkun lesta li tiehu l-kumpanija tal-assikurazzjoni.

Matul is-snin, il-kuntratt ta' assikurazzjoni zviluppa b'mod li bhala servizz moghti lill-konsumatur assuma dimensjonijiet godda specjalment fejn jidhlu l-obbligazzjonijiet tal-assikuratur li jgib a konjizzjoni tal-assikurat dawk il-kundizzjonijiet li jistghu jillimitaw il-beneficcji li l-konsumatur jista' jiehu taht il-polza.

Kif intqal aktar kmieni f'din id-decizjoni, l-ilmentatur sahaq li peress li l-assikurazzjoni tieghu kienet '*on a floating basis'*, ma kellux japplika l-limitu ghal kull post assikurat u, galadarba kien inxurjat globalment ghall-i*stock* kollu, kellu jinghata l-hlas kollu tal-i*stock* li garrab il-hsara fil-*garage* ta' Hal Luqa.

Huwa minnu li fuq l-*Endorsement* jintuzaw il-kliem '*Stock - floating basis'* imma dan huwa amplifikat b'dan li gej:

'*It is hereby understood and agreed that the Stock value insured under item No. 3(a) of the Specification attaching to and forming part of the within written policy is to be considered on a floating basis between the premises as specified in the relative section.*

*It is further understood and agreed that the maximum value of stock at any one time in any premises is as follows: ...'*[7]

Dan ifisser li l-polza kienet stabbiliet limitu għall-ħsara li jista' jġarrab l-i*stock* f'kull post. L-abbli difensuri tal-ilmentatur u, speċjalment ix-xhud, RR, jgħidu li l-kliem *'floating basis'* kienu jagħtu fakultà assoluta lill-ilmentatur li jitlob il-ħlas mingħajr limitu f'kull proprjetà basta ma jaqbiżx is-somma totali inxurjata.

L-Arbitru ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni. L-*Endorsement* huwa wieħed ċar ħafna u anke klijent komuni seta' jifhem il-figuri msemmija ħdejn kull post fejn kien iżomm il-*parts* l-ilmentatur. F'dan ir-rigward, il-polza hija ċara u tista' tinftiehem minn kulħadd anke mill-ilmentatur. Huwa stess xehed li l-figura ta' ħamest elef ewro kienet issemmiet lilu rigward il-fond ta' Ħal Luqa.

Verament li polza '*floating*' (*floating policy*) tintuża ħafna fil-qasam tal-*Marine Insurance* u s-sentenza li semma' l-ilmentatur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu tirrigwarda dak il-qasam u m'hijiex relevanti għal dan il-każ għaliex kienet limitatament relatata għal nuqqas ta' ħlas ta' *premia* minn xi kumpaniji lill-*insurance.*

**Il-Kunċett ta' *Stock - Floating Basis Policy***

Normalment, il-kunċett ta' *policy* fuq *floating basis* hija implimentata f'*Material Damage Policies,* per eżempju, *Fire & Special Perils Policies* jew *Industrial All Risk Policies* u anke *f'Marine Policies.*

Din it-tip ta' polza hija maħsuba għal dawk il-każi fejn l-ammont inxurjat (*insurable amount*) jista' jiġi raġonevolment stmat imma ma jkunx jista' jiġi determinat preċiżament.

Dan il-kunċett jinkludi wkoll l-assikurazzjoni ta' *stock* f'postijiet diversi b'somma massima determinata. Kull lok għandu jkun identifikat b'mod ċar fuq il-polza.

L-ammont totali li l-inxurjat ikun espost għalih fid-diversi lokazzjonijiet jista' jaqbeż l-ammont totali assikurat fuq l-*istock.*

---

[7] U jissemmew il-postijiet u l-valur massimu ta' *stock* li jista' jinżamm fihom.

L-intenzjoni wara dan l-arrangament huwa li l-polza tkopri zieda jew tnaqqis fl-i*stock* minhabba *'trends'* fin-negozju jew anke minhabba varjazzjonijiet stagonali konnessi mal-gestjoni tan-negozju.

Normalment, il-*policyholder* ikun mitlub jiddikjara l-valur tal-i*stock* li jkollu f'postijiet differenti f'perjodi minn qabel, per ezempju, kull tliet xhur.

Fl-ahhar ta' kull sena meta taghlaq il-polza, il-percentagg ta' 75% tal-*premium* li jkun thallas fil-bidu bhala depozitu jigi aggustat; u, jew joghla jew jitnaqqas jew jinghata *refund* skont il-valur tal-i*stock* kif dikjarat fuq diversi perjodi tas-sena mill-*policyholder.*

B'dan il-mod, il-*policyholder* ikun f'pozizzjoni li jhallas *premium* li jkun eqreb lejn ir-riskju li l-kumpanija assikuratrici tkun qieghda tkoprih.

B'danakollu il-*policyholder* huwa mistenni li jinforma immedjatament lill-kumpanija assikuratrici jekk l-i*stock* kollu inxurjat ikun jaqbez il-massimu tas-somma inxurjata globalment u anke s-somma massima inxurjata f'kull lok.

Fil-kaz odjern, giet addottata sistema simili imma s-somma ta' *stock* f'kull lok giet indikata u thallas *premium* globali, u dwar il-hlas ta' dan il-*premium* m'hemm l-ebda kwistjoni.

Kif gie spjegat mix-xhud, FF, il-kuncett ta' *'floating basis policy'* gie spjegat lill-ilmentatur fis-sens li seta' jcaqlaq l-i*stock* minn post ghall-iehor basta tigi infurmata l-kumpanija assikuratrici biex taghmel il-verifiki necessarji mehtiega u tkun tista' tigi riveduta l-polza u anke l-*premium* relattiv jekk ikun il-kaz.[8]

L-Arbitru jara li dan huwa ragonevoli sabiex ma jsirux abbuzi u l-*claims* li jsiru jkunu aktar genwini. Barra minn hekk, il-lok li fih ikun mahzun *l-istock* fih riskji partikolari u r-riskju jista' jvarja minn post ghall-iehor.

L-argument li l-polza kienet globalment tkopri l-ammont ta' €400,000 ma jregix ghaliex l-ammont soffert f'danni f'dan il-kaz kien ferm anqas. Li kieku, allahares qatt, lill-ilmentatur inqeridlu l-i*stock* kollu fil-postijiet kollha inxurjati, allura, l-ammonti kollha f'daqqa setghu jigu *claimed* sal-ammont globali inxurjat.

[8] *A fol. 123*

Il-kopertura globali trid titqies f'dan is-sens u l-idea ta' *floating stock* trid tigi interpretata fis-sens li l-ilmentatur seta' jressaq l-i*stock* minn post ghall-iehor fil-limitu tal-ammont massimu inxurjat ghal kull post.

***Decide***

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru ma jistax jilqa' t-talba tal-ilmentatur fis-sens li l-Arbitru jgieghel lill-kumpanija assikuratrici thallas ammont akbar minn dak inxurjat fil-*Garage underlying 'XXX'*, Triq XXXX, Luqa. L-ammont ta' *stock* inxurjat ghal dak il-lok kien ta' €5,000,[9] u l-Arbitru jista' jaghti biss kumpens sa dak l-ammont.**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lill-*AIG Montaldo Insurance Agency Ltd*. thallas lill-ilmentatur is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[9] *A fol. 150*